MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 26

20 ta' Mejju 2021

Minuti tas-seduta Nru. 26 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021 fis-6.00 pm.

### Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

1.1 Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

### 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni għall-minuta 5.6.3 **(Ref: C/4/Vol IV)** tas-seduta ta' qabel u pproponiet li din tinqara kif ġej:

*"5.6.3.Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li Ambjent Malta aġġustaw l-ħinijiet tal-gwardjani impjegati minnhom, sabiex jinkludu s-Sibtijiet u l-Ħdud. Hija pproponiet ukoll li l-FKNK għandhom jiġu mistoqsija dwar x'inhuma l-pjanijiet tagħhom f'dan ir-rigward wara l-iffirmar tal-ftehim mal-gvern. Aċċennat ukoll li bin-on-wheel waħda fil-Miżieb mhux tkun biżżejjed u ssuġġeriet li titpoġġa oħra, jew titbattal darbtejn fil-ġimgħa.".*

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru. 25, li saret fit-12 ta' April 2021, ġew approvati bl-emenda skont il-minuta 1.2. aktar 'l fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

### 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Żvilupp mill-ġdid tal-kumpless Ħal Ferħ **(P/5/1/Vol IV)**

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti dwar il-laqgħa virtwali li saret mad-diriġenti ta' Corinthia Group of Companies, fil-15 ta' April 2021. Għaliha attendew ukoll is-

Sindku D. Vella; il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, I. Castillo, u R. Bartolo Cutajar, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.1.3. Ġie spjegat li Corinthia akkwistat l-art b'permess ta' *time share*, però l-linja tal-kumpanija hija iktar *upmarket*. L-art in kwistjoni jeħtieġ tiġi żviluppati skont *development brief* approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar, filwaqt li attwalment l-iżviluppaturi għaddejjin bi proċess ta' konsultazzjoni mal-i*stakeholders* kollha, inkluż ir-residenti tal-Manikata, kif ukoll mal-bdiewa li għandhom raba f'akwati. Attivitajiet bħalma huwa l-*horse riding* mhumiex ser jiġu affettwati, anzi l-operatur eżistenti ser jiġi mgħejjun biex itejjeb l-istandard u d-dehra tal-istalel tiegħu. Il-Kappella tal-Militar ser tiġi rrestawrata skont *restoration method statement* approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar, għalkemm għad irid jiġi determinat l-użu futur tagħha.

2.1.4. Ġie spjegat li l-art tinvolvi medda ta' madwar 80,000 metru kwadru li 16,000 minnhom biss ser jiġu żviluppati, fejn l-għoli massimu tal-bini ser ikun ta' żewġ sulari, bi *floor space* totali ta' 25,000 metru kwadru. Huwa ppjanat li jkun hemm binja ewlenija fejn ser ikun hemm ir-ristoranti u bars, filwaqt li l-binjiiet fejn ġejjin il-kmamar se jkunu b'żewġ sulari. Ser ikun hemm 25 vilel għalihom għall-bejgħ bħala residenza permanenti. Siġar eżistenti li huma protetti ser jinżammu u l-iżvilupp ser isir madwarhom biex jitħallew fil-post attwali.

2.1.5. Kien spjegat li l-Gvern qed jitlob li Triq il-Kappella tal-Militar titwessa billi tittieħed art proprjetà tal-iżviluppaturi sabiex tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet. B'hekk ebda art agrikola ma hija ser tiġi affettwata. Huwa ppjanat minn naħa tal-Gvern li Triq in-Naħħalija tkun ristretta għall-bdiewa u għall-vetturi ta' emerġenza biex tieħu xgħira pedonali, bil-għan li tgħaqqad il-kumpless mal-Bajja tal-Mixquqa. Dan il-fattur kien inkluż fil-permezz maħruġ lis-sidien preċedenti u xejn ma nbidel minnu f'dan l-aspett mill-permess oriġinali.

2.1.6. Dwar dak li faċilitajiet għall-ipparkjar, kien spjegat illi ser ikun hemm parkeġġ taħt l-art li jilħaq mad-domanda tal-kumpless kollu, u hekk l-iżvilupp propost ma jħalli ebda effett fuq it-toroq f'dan ir-rigward. Apparti dan, sar arranġament mal-Gvern sabiex isir parkeġġ ieħor fuq l-art allokata lill-Assoċjazzjoni tal-iScouts, sabiex a spejjeż tal-Grupp Corinthia, isir parkeġġ pubbliku li jipprovdi għal 330 karozza u 60 mutur, bħala kontribut lill-komunità *(planning gain)*. Eventwalment dan ser ikun immaniġġjat mill-iScouts fuq bażi kummerċjali bl-ebda involviment fiħ da parti tal-Grupp Corintha.

2.1.7. Ġie spjegat li l-iskart iġġenerat fil-kumpless ser jinġabar minn post wieħed u qed jiġi meqjus bħala parti mis-servizz li jrid jirrendi l-iżviluppatur.

2.1.8. F'dak li huwa aċċess għall-kumpless, ser ikun hemm partijiet fejn il-pubbliku jista' jidħol u partijiet oħra li jkunu kkontrollati. Il-*walking trail* li kienet fil-pjan imfassal mis-sidien preċedenti, issa ġiet imneħħija, peress li kienet tnaqqas mill-privatezza u s-sigurtà tal-klijenti u r-residenti. Il-pubbliku jista' ikollu aċċess għall-użu tal-faċilitajiet fil-kumpless bi ħlas.

2.1.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Rikostruzzjoni tal-parti t'isfel ta' Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/7/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-4 ta Mejju 2021 ġiet imsejħa laqgħa sabiex tiġi kordinata t-tieni fażi tax-xogħlijiet fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Marfa u l-parti t'isfel ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, liema xogħlijiet kienu ġew sospiżi f'Mejju 2019, peress kienu ser jipperikolaw l-istruttura tal-Kmamar tas-Santwarju, li kienu qed jiġu restawrati. Għaliha ġew imsejħa jattendu uffiċjali minn Transport Malta, Infrastructure Malta, Malta Public Transport, kif ukoll is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo, rappreżentanti tal-kuntrattur, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.2.3. Inizjalment kien maħsub li x-xogħlijiet kienu jirrikjedu li t-triq tingħalaq bejn is-6 u d-9 ta' Mejju u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipprovdi servizz ta' *minibus shuttle* ċirkulari minn Triq Qasam Barrani; Triq il-Mitħna l-Ġdida; Triq Santa Marija; Triq San Ġorġ; Triq tas-Salib, Triq il-Kbira, u Triq Lewis Wettinger.

2.2.4. Is-servizz ingħata wara sejħa urġenti għall-istimi, li għaliha kien hemm rispons minn seba' offerenti differenti u ngħatat lill-Paramount Garages, li offrew l-inqas rata ta' €234.82 kuljum, bil-V.A.T. inkluża. Oriġinarment kien maħsub li s-servizz jingħata fid-dati msemmija, iżda kellu jiġi estiż sal-11 ta' Mejju, peress li t-triq infetħet għat-traffiku l-għada.

2.2.5. Il-Viċi Sindku kompla jispjega li x-xogħlijiet kienu jinvolvu tqegħid ta' katusi għall-ilma tax-xita li jibdew minn Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq San Publiju u jibqgħu sejrin sal-kanal eżistenti qrib il-kantuniera ma' Triq Adenau. Ġew imtejba l-bankini fejn iċ-childcare centre faċċata ta' Triq il-Qalb Imqaddsa, u saret *layby* għall-karozzi tal-linja biswit il-bus stop "Adenau", fejn saru t-tħejjijiet sabiex jiġi nstallat *bus shelter* ġdid ftit aktar 'l isfel minn dak eżistenti. Fil-proċess saru servizzi ġodda taħt it-triq li jinkludu *mains* tal-ilma, *cables* tal-telefon u tal-elettriku, filwaqt li saret komunikazzjoni tad-drenaġġ fejn il-Kmamar tas-Santwarju.

2.2.6. Is-Sur J. Buttigieg appella sabiex tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġett Kapitali l-Onor Ian Borg, lill-Infrastructure Malta, u lill-kuntrattur konċernat, għall-isforz li sar sabiex ix-xogħlijiet jitlestew qabel il-ftuħ tal-bars, ristoranti u lukandi, li kienu magħluqa minħabba l-pandemija.

2.2.7. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li ssir talba sabiex il-Kunsill jirkupra l-ispiża li saret fuq is-servizz tal-*minibus shuttle*.

2.2.8. Is-Sur J. Buttigieg, aċċenna għall-fatt li fl-ewwel fażi tax-xogħlijiet il-Kunsill kien għamel tajjeb għal servizz simili li sewa ftit iktar minn €30,000. Fid-dawl ta' dan, ma jarax li jkun f'loku li issa ssir talba biex tiġi rkuprata spiża ta' €1,409, meta l-lokalità bbenefikat minn intervent li kien tant meħtieġ.

2.2.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. PA 2160/21 – Studju dwar riforniment tar-ramel u bini ta' lqugħ fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)

2.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-22 ta' April 2021 saret laqgħa virtwali ma' Projects Plus Ltd u l-konsulenti mqabbda mill-Kunsill AIS Environmental. Kienu qed isegwu wkoll, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri I. Castillo, A. Brincat Stellini; K. Buttigieg u E. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. AIS Environmental staqsew numru ta' mistoqsijiet li trattawhom fir-rapport tekniku tagħhom. L-istess rapport ġie mgħoddi liċ-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar u lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent, sabiex jiġi kkunsidrat fit-tfassil tat-termini ta' referenza tal-istudju li jrid isir.

2.3.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.4.1. Skema dwar manutenzjoni ta' kompjuters għar-residenti (K/16)

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.13.4., fejn il-Kunsill kellu jiddetermina minn taħt liema vot fl-Estimi 2021 ser jittieħdu fondi sabiex jagħmlu tajjeb għall-iskema msemmija.

2.4.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu wtilizzati fondi mill-vot 3370 tal-Attivitajiet Kulturali sal-ammont ta' €5,000.

## 2.5.1. Problemi ta' aċċess fi Triq l-Għar u Casa (T/4/7/Vol III)

2.5.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 3.5.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li għandha ssir spezzjoni mill-perit tal-Kunsill sabiex jiġi stabbilit l-aħjar mod kif għandha tiġi trattata l-problema tal-aċċess bil-vetturi, partikularment fix-xhur tax-xitwa. Huwa qal li minkejja kollox, il-Kunsill għandu jara kif jista' jtaffi l-problema.

2.5.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li apparti l-wiċċ li jrid jingħata, huwa meħtieġ ukoll li jitbaxxa l-livell tat-terrapien minħabba li jekk dan jogħla, joħloq problemi fl-aċċess għal garaxxijiet li hemm. Huwa qal li fortunatament fil-Mellieħa ma jeżistux toroq simili u għalhekk għandu jsir sforz biex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi.

2.5.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li Infrastructure Malta ma tistax tasfalta l-parti ta' Triq l-Għar u Casa u Triq il-Barkazza, peress li l-persentaġġ tal-iżvilupp fuq iż-żewġ tagħhom għadu baxx wisq.

2.5.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li aktar interventi fit-toroq in kwistjoni ser joħolqu precedent, meta jeżistu problemi simili fi Triq id-Denċi, Triq it-Tabib Joseph Grech Attard, Triq ir-Rattan, eċċ. Huwa aċċenna wkoll li l-intervent meħtieġ ma jinvolvix sempliċiment il-wiċċ.

2.5.6. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li għandha ssir spezzjoni mill-perit sabiex jagħmel rapport tekniku minn naħa tiegħu.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Skema dwar sistemi ta' CCTV iffinanzjati mir-Reġjun Tramuntana (C/9)

3.1.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 11 tad-9 ta' Marzu 2020. Għarraf li fid-19 ta' Mejju 2021 saru spezzjonijiet f'Misraħ tas-Salib u fi Ġnien iż-Żerniq, fejn ser jiġu nstallati żewġ *cameras* tas-sigurtà f'kull post. Fl-ewwel każ, l-iskop huwa li jitnaqqas il-vandaliżmu, filwaqt li fit-tieni sabiex ikun hemm monitoraġġ ta' *bring-in site* biswit Misraħ il-Parroċċa. Għall-istess spezzjoni attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u rappreżentant tal-kuntrattur li ser jinstallahom.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li x-xogħol tat-tħejjija ser isir kollu mill-ħaddiema tal-Kunsill, inkluż il-*cabling*, sabiex tkun tista' issir l-installazzjoni tal-*cameras* mill-kuntrattur konċernat.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. PA 8852/17 – Bini ta' ħajt qrib l-Għajn tal-Mellieħa (P/5/8/R)

3.2.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għaż-żieda fl-għoli ta' ħajt rustiku li jinsab fit-triq li tagħti għall-Għajn tal-Mellieħa kantuniera ma' Triq il-Marfa. Huwa qal li bil-mod kif dan il-ħajt qed jinbena, ser jagħti dehra kerha lill-post u staqsa dwar jekk huwiex kopert bil-permess.

3.2.3. Is-Sindku D. Vella qal ukoll li dan ix-xogħol huwa kopert bil-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar PA 8852/17.

3.2.4. Peress li ġew espressi dubji dwar kemm dan ix-xogħol qiegħed isir skont l-arti u s-sengħa, kien hemm qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

### 3.3.1. Skart riċiklabbi ma jinġabarx (K/6/11)

3.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li qed ikun hemm ilmenti persistenti minn operturi ta' negozji li l-iskart riċiklabbli – l-aktar kartun tal-ippakkjar – li mhux jinġabar, jew jinġabar tard fil-ġurnata.

3.3.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-istess problema teżisti wkoll f'toroq residenzjali u semmiet Triq iż-Żnuber bħala eżempju.

3.3.4. Peress li dawn l-ilmenti tfaċċaw riċentement, kien hemm qbil li għandhom jsiru kuntatti mal-Iskema imħaddma minn GreenPak Cooperative bil-għan li tiġi stabbilita l-kawża u possibilment jinstab rimedju għaliha.

### 3.4.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-parkeġġ tal-Armier iż-Żgħir (T/4/7/Vol III)

3.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat stellini staqsiet dwar jekk ittieħditx xi azzjoni dwar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill fis-Seduta Nru. 23 tal-15 ta' Frar 2021.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li huwa kiteb lill-Transport Malta dwar l-aħħar proposti li saru minn naħa tal-Kunsill, filwaqt li jidher illi l-arranġamenti ser jiġu mplimentat minn naħa tagħhom, jew Infrastructure Malta wara is-sajf.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/05/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/04/21 – 17/05/21;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 09/04/21 – 10/05/21
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Użu tal-irziezet ta' Selmun (P/10/3A)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' April 2021 mibgħut mill-Koperattiva Produtturi tal-Bhejjem, fejn qed jitolbu jagħmlu użu mill-irziezet ta' Selmun għall-operat tal-istess koperattiva li jinkludu:

a) Uffiċċju, ħwienet u uffiċċju għal-laqgħat;

b) Faċilità ta taħriġ edukattiv għal bdiewa żgħażagħ u bdiewa ġodda;

c) Faċilità ta bejgħ bl-imnut ta' f*armgate* għal bejgħ dirett ta' membri tal-prodotti tal-familja;

d) Faċilità sperimentali ta' produzzjoni ta' prodotti b'valur miżjud (ġobon, prodotti tal-għasel, tiġieġ, eċċ.)

5.1.3. Il-Kunsillier M. Abela fakkar li wieħed mill-irziezet kien indikat sabiex jintuża temporanjament sabiex jakkomoda l-qtates li attwalment jinsabu madwar il-binja tal-Mellieħa Bay Hotel u li mistennija titwaqqa' fil-ġejjieni qarib.

5.1.4. Ġie nnutat ukoll li l-interess mill-Fondazzjoni ARKEO fil-kustodja tal-irziezet naqas, filwaqt li l-ftehim li kien sar magħhom kien skada.

5.1.5. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mad-diriġenti tal-koperattiva sabiex jinkiseb aktar tagħrif.

### 5.2.1. Użu ta' proprjetà (Tenement E26228) devoluta fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)

5.2.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-organizzazzjoni mhux governattiva "Żibel" illi talbu lill-Kunsill jallokalhom l-binja devoluta lilu bil-għan li tkun tista' tintuża bħala bażi minn fejn ikunu jistgħu jiffunzjonaw.

5.2.3. Il-Kunsill innota l-fatt li bħala parti minn pjan ħollistiku għall-Park tal-Majjistral, il-Bord tal-Park tal-Majjistral kien appova l-proposta mressqa mill-Kunsill sabiex l-istess binja tinbidel f'mużew dwar il-produzzjoni tal-melħ u l-għasel. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill qabel li t-talba ma tistax tiġi milqugħa.

**5.3.1. Magni għall-biljetti tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol III)**

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 13 ta' April 2021, fejn il-Malta Public Transport talbu permess sabiex titqiegħed makna tal-biljetti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.3.3. Wara li ra ritratt li kien hemm mat-talba, il-Kunsill Lokali oġġezzjona għat-tqegħid tal-magna peress li ma tmurx mal-ambjent tal-post, kif ukoll minħabba li mhux prattiku li din tkun daqshekk imbiegħda mill-*bus stop* "Adenau". Madankollu, ma sab ebda oġġezzjoni jekk il-magna titpoġġa fuq il-bankina mibnija reċentement fuq in-naħa l-oħra tat-triq, sakemm jitħalla spazju ta' 1.2 metri bejnha u l-kurduna.

**5.4.1. Tabelli ta' direzzjoni li jindikaw negozji (T/4/3/Vol II)**

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 13 ta' April 2021 fejn Citadel plc staqsew dwar il-proċedura nvoluta fit-twaħħil ta' tabelli li juru d-direzzjoni għan-negozju tagħhom. Inġibdet l-attenzjoni li tabelli ta' dan it-tip jeħtieġu permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.4.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jsiru tabelli kbar li jindikaw numru ta' negożji li jeżistu f'żoni partikulari.

5.4.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li sakemm il-*policy* tal-Kunsill tibqa' l-istess, importanti li tinżamm il-konsistenzi f'dawn it-tip ta' talbiet.

5.4.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa jaqbel mal-proposta skont il-minuta 5.4.3. u ssuġġerixxa li l-ispazji jiġu allokati wara li ssir sejħa pubblika.

5.4.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba ma tistax tiġi milqugħa sakemm titfassal *policy*.

**5.5.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol IV)**

5.5.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret proposta minn TCTC Ltd, sabiex bejn Mejju u Lulju 2021 isiru korsijiet tal-kompjuter għat-tfal fl-etajiet bejn ħamsa u tnax-il sena fis-Sala tal-Kunsill. L-isem tal-kors huwa Robotica, Coding and A1, u kull student jintalab ħlas ta' €25 filwaqt. Korsi ieħor propost huwa tal-ECDL, li parti minnu ser tkun onlajn u parti fiċ-ċentru ta' TCTC Ltd. Kull student iħallas €25, filwaqt li l-Kunsill jissussidja ż-żewġ korsijiet bi spiża ta' €4,950.

5.5.4. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli bl-involviment tiegħu fit-taħriġ fl-użu tal-kompjuter.

**5.6.1. Kawza Camilleri Claude Anthony vs Kummissarju tal-Pulizija et (C/4/Vol IV)**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li infethet kawża (Cit. Nru. 308/2021 GM) mill-operatur ta' l-istabbiliment Margo's Mistra Bay, Palazzo Santa Rosa kontra l-Pulizija, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Transport Malta, l-Awtorità tal-Artijiet, u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. L-istess operatur allega li kien kostrett jibda proċeduri quddiem l-Ombudsman u issa quddiem il-Qorti, għaliex in-negozju tiegħu kien imxekkel, peress li l-intimati naqqsu mill-obbligi tagħhom skont il-liġi u ħallew sidien ta' *caravans* jokkupaw art pubblika għal diversi xhur matul is-sena sa mill-2008. Ta' dan huwa talab l-ħlas tad-danni sofferti.

5.6.3. Is-Sur C. Debono fakkar li konxju tas-sitwazzjoni fil-Bajja tal-Mistra u nħawi oħra fil-lokalità, fl-2009 il-Kunsill introduċa il-*byelaws* K.L.B.L. 37/2/2009 (L.S. 363.143), bil-għan li jiġi kkontrollat l-inġombru kkawżat bil-*caravans* u *campers* f'postijiet qrib il-baħar. Kif stipulat fil-*bye-law* 3.1.1. l-ipparkjar ta' *caravans* jeħtieġ il-permess tal-Kunsill, filwaqt li *campers* ma jeħtiġux tali permess, sakemm ikunu osservati l-kundizzjonijiet indikati. Minkejja li L.S. 363.143 tippermetti l-ħruġ ta' permessi għall-ipparkjar tal-*caravans*, il-*policy* tal-Kunsill s'issa dejjem kienet li ma jinħarġux permessi għall-*caravans* fl-ebda parti tal-lokalità, inkluż fil-Mistra.

5.6.4. Għaldaqstant, il-Kunsill ra li jkun hemm bażi leġiżlattiva li tippermetti l-infurzar. Ra wkoll li dan jiġi msaħħaħ billi jkun hemm tabelli u sinjali fil-Bajja tal-Mistra, ħalli l-bajja ma' titteħidx totalment minn sidien ta' *caravans*, jew użata abbużivament bil-*campers*. Intqal ukoll li riċentement il-Kunsill ressaq pjan lill-Transport Malta dwar kif l-arranġamenti li kien hemm fis-seħħ fil-Bajja tal-Mistra jissaħħu, liema pjan ma kienx possibbli jiġi mplimentat fl-intier tiegħu minħabba xogħlijiet li attwalment għaddejjin fuq is-*slipway*. L-ewwel smiegħ tal-kawża ġie appuntat għat-3 ta' Ġunju 2021.

5.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u awtorizza għoti ta' tweġiba għar-rikors li sar wara li jinkiseb parir legali.

## 5.7.1. Dawl adekwat fi Triq il-Biedja **(E/1/3/Vol VI)**

5.7.2. Saret referenza għal nota datata 28 ta' April 2021, mibgħuta mill-Kunsillier G. Micallef, fejn talab li Triq il-Biedja tkun imdawwla adekwatament kif sar fi snin riċenti fil-każ ta' toroq oħra fil-Manikata.

5.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li attwalment fi Triq il-Biedja jeżistu tmien lampi f'tul ta' kważi 300 metru.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jkun hemm dawl adekwat fi Triq il-Biedja permezz ta' dwal ornamentali., kif ukoll fi Triq il-Mejjiesa, bejn Trejqet il-Ħarrub u Triq Dun Manwel Grima. Kien hemm qbil ukoll li għandha tiġi mistħarġa l-possibiltà li din l-inizjattiva tiġi kofinanzjata mid-*Development Planning Fund*, amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

## 5.8.1. Taraġ fi Triq l-Isqof Pace **(P/5/8/2)**

5.8.2. Inqara imejl datat 6 ta' Mejju 2021, mibgħut mis-sid ta' fond li jinsab fi Triq l-Isqof Pace, kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn talab li jibdel il-puġġaman eżistenti li huwa tal-ġebel ma' ieħor tal-ħġieġ. Dan il-puġġaman jinsab bejn it-taraġ pubbliku, u dak iktar dejjaq li jagħti għall-kantina tal-istess fond.

5.8.3. Il-Kunsill ra illi t-taraġ li jagħti għal proprjetà privata huwa kopert bil-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar PA 1224/09, li saret applikazzjoni għaliħ wara li d-Dipartiment tal-*Estates Management* kien indika li lest jikkonsidra t-teħid ta' parti mit-taraġ pubbliku sabiex jingħata aċċess mit-triq għall-kantina tal-fond in kwistjoni.

5.8.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba sakemm jinġiebu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

## 5.9.1. Magni għar-rimi tal-fliexken tal-plastik **(K/6/11)**

5.9.2. Saret referenza għal Ċirkulari 2021/042 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn intbagħat abbozz ta' dokument dwar ir-*reverse vending machines* għall-kummenti dwaru mill-Kunsilli Lokali. L-intenzjoni hija li jkun hemm 350 minn dawn il-magni madwar il-pajjiż kollu.

5.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan huwa żvilupp pożittiv fl-immaniġġar tal-plastik, u ndika l-importanza li l-postijiet fejn jitpoġġew id-*dispensers* jiġu stabbiliti wara konsultazzjoni mal-Kunsill bil-għan li titnaqqas il-possibiltà ta' abbużi bħal vadaliżmu u depożitu ta' skart fejn ikunu ġew installati.

## 5.10.1. Servizz ta' tiswija *(neutering)* tal-qtates **(A/5/3/Vol XII)(A/9)**

5.10.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna li l-Animal Fest 2021 mhux ser issir minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta mal-pandemija Covid-19. Fid-dawl ta' dan huwa ressaq talba sabiex, fondi li ġew allokati għall-Animal Fest 2021 fl-Estimi 2021, li jammontaw għal €2,000 taħt il-vot 3370, jiġu wtilizzati biex jissewwew (*nuetered*) il-parti l-kbira ta' madwar 140 qattus/a li fadal jiġru fit-toroq tal-lokalità.

Huwa qal li b'dan il-mod ma jibqax jiżdied in-numru tal-qtates fil- kolonji eżistenti. Huwa spjega li l-proposta tiegħu għand tissupplimenta l-iskema attwali tad-Dipartiment tal-*Animal Welfare*, li hi limitata għal 20 qattus.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.11.1. Periklu fit-Telgħa ta' Selmun** **(T/4/4/Vol II)**

5.11.2. Is-Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li fit-Telgħa ta' Selmun, preċiżament fejn it-triq l-qadima li kienet twassal għal Selmun, il-wiċċ tat-tarmak illixxja ħafna, tant li huwa perikoluż waqt ix-xita jew bin-nida. Huwa għaldaqstant ippropona li dan jimbarax jew ittratat b'xi mod sabiex ma jibqax jiżloq.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Infrastructure Malta dwar il-proposta li saret.

**5.12.1. Mera fi Triq il-Merill faċċata ta' Triq il-Pluviera** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.12.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 16 ta' April 2021 fejn sid ta' residenza lmenta li l-arblu tal-mera ndikata qed jagħti dehra kera lit-triq. Huwa qal li t-twaħħil ta' arbli fiż-żona tal-Santa Marija Estate huwa pprojbit, tant li s-servizzi kollha għaddejjin taħt l-art.

5.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-punt imsemmi ma japplikax għat-tabelli tat-toroq u għamara oħra tat-triq. Kien hemm qbil li l-mera hija utli peress li l-viżta ta' minn ħiereġ minn Triq il-Pluviera hija mxekkla b'vetturi pparkjati fi Triq il-Merill.

**5.13.1. Laqgħa mal-Association of Maltese Campers and Outdoor Activists** **(C/4/Vol VI)**

5.13.2. I-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 23 ta' April 2021 fejn l-AMCOA talbet laqgħa mal-Kunsill.

5.13.3. Il-Kunsill aċċetta t-talba.

**5.14.1. *Speed hump* fi Triq in-Ninfa Calypso** **(T/3/2/1/Vol XVI)**

5.14.2. Saret referenza għal talba ffirmata minn tliet persuni sabiex issir *speed hump* fil-parti *one-way* ta' Triq in-Ninfa Calypso kantuniera mal-parti li hija *two-way*.

5.14.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba, peress li t-tabelli u s-sinjali tal-karreġġjata STOP eżistenti huma biżżejjed sabiex iwissu lis-sewwieqa ma jibqgħux ħerġin. Ittieħed in konsiderazzjoni wkoll li l-miżura proposta tista' tikkawża nkonvenjent għar-residenti bil-ħsejjes li jiġu ġġenerati.

**5.15.1. Separazzjoni tal-iskart fejn jeżistu *bin-on-wheels*** **(K/6/2/Vol V)**

5.15.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li qed issir pressjoni minn naħa tal-Wasteserv (Malta) Ltd fuq is-separazzjoni tal-iskart organiku minn dak imħallat u saħansitra qed timponi l-multi. Huwa aċċenna li l-iskart ġġenerat fil-lokalità kollha qed jinġabar b'mod separat, bl-eċċezzjoni fejn hemm l-*bins-on-wheels*, partikularment fiż-żoni tal-*boathouses*. Għaldaqstant saret laqgħat ma' Armier Developments Ltd biex tiġi diskussa din il-problema u kien hemm qbil dwar in-numru ta' *bins* meħtieġa, bejn il-borża il-bajda u s-sewda.

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li ser ikun meħtieġ li jinġiebu tlettax-il *bin* ġdid li jinvolvu postijiet oħra, apparti dawk tal-*boathouses*. Fir-rigward ta' dawk li ser jitpoġġew fejn *boathouses*, kien miftiehem li l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs, kif dejjem kienet il-prassi. Huwa ressaq skeda li turi n-numru tal-*bins* meħtieġa fil-postijiet rispettivi.

5.15.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li fil-Miżieb jeħtieġ li tiżdied oħra ma' dik eżistenti, kemm biex tiżdied il-kapaċità, kif ukoll ħalli s-separazzjoni tkun possibbli.

5.15.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-iskeda ġiet mgħoddija lill-kuntrattur konċernat sabiex jipprovdi n-numru tal-*bins* indikat. L-istess kuntrattur diġa ndika li mhux possibbli li jipprovdi *bins* b'żewġ kuluri distintivi, u għalhekk ġew stampati *stickers* bil-kliem "Borża Bajda Biss" u "Borża Sewda Biss".

5.15.6. Il-Kunsill approva l-arranġamenti kif spjegati.

## 5.16.1. Dwal ġodda fit-toroq (E/1/3/Vol VI)

5.16.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fl-14 ta' Mejju 2021 saret konferenza stampa fis-Swieqi fejn il-Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, ħabbar li fost Kunsilli oħra, il-Mellieħa ser tkun qed tibbenefika minn għotja ta' €127,837 bħala 70% kofinanzjament sabiex isiru dwal ġodda fi Sqaq Nru, 1 fi Triq il-Muna, Triq il-Barkazza, Triq iż-Żebbuġ, Daħlet id-Dalji, Daħlet is-Sardinell, Triq il-Bilbla, Triq il-Bufula, Triq il-Gardell, il-parti ta' barra ta' Triq il-Birwina, u Triq il-Ġojjin.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Programm ta' attivitajiet kulturali 2021 (A/5/5/Vol X)

5.17.2. Is-Sindku aċċenna li l-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ, li kienet skedata għall-24 ta' Ġunju 2021 ma tistax isseħħ minħabba r-restristrizzjoni li għandhom fis-seħħ marbuta mal-pandemija Covid-19.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Sigurtà fil-*playing fields* (P/2)

5.18.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għax-xogħol ta' manutenzjoni li sar fil-*playing fields* u ġonna pubbliċi mill-Fondazzjoni għall-Iżvilupp ta' Żoni Turistiċi (FTZD). Huwa qal li dawn l-inizjattivi ser jitkomplew bl-introduzzjoni ta' xtiebi fi *playing fields*, fejn dawn għadhom ma jeżistux. Għal dan il-għan ser issir laqgħa ma' uffiċċjali tal-fondazzjoni fl-10 ta' Ġunju 2021.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.19.1. PC 0025/20 – Triq ġdida bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit (P/5/8/Q)

5.19.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fl-20 ta' April 2021 il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar ikkonsidra l-applikazzjoni PC 0025/20 sabiex titneħħa triq skemata, liema applikazzjoni kien oġġezzjoni għaliha l-Kunsill. Dan peress li blokka konfinanti minn Triq is-Sajjieda, Dawret it-Tunnara, Triq il-Qarnit, u Triq it-Trill hija kbira wisq biex tibqa' mingħajr triq traversa. Dan ġie mtenni waqt is-smiegħ mill-konsulent imqabbad mill-Kunsill. Ġie rilevat ukoll li t-triq in kwistjoni kienet inkluża fil-Pjan Lokali li daħal fis-seħħ fl-2006, wara konsultazzjoni pubblika. Kien sostnut ukoll li l-irtirar tad-deċiżjoni li ttieħdet fuq l-applikazzjoni oriġinali – PC 0026/14 – ser tagħti messaġġ ħażin u ċertament toħloq preċedent li jqanqal talbiet simili fl-istess żona.

5.19.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li permezz ta' vot ta' 4-3, il-Kunsill Eżekuttiv iddeċieda li t-triq għandha titneħħa fuq il-premessa li Dawret it-Tunnara hija mxekkla bi struttura tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-pompa tad-drenaġġ u għalhekk it-triq in kwistjoni mhux ser tgħin fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku. Il-Kunsill Eżekuttiv qabel ukoll li l-art tal-applikant għandha tiġi żviluppata b'mod komprensiv, b'aċċess bil-vetturi minn Triq il-Qarnit biss.

5.19.4. Is-Segretarju Eżekutiv aċċenna li saret rappreżentazzjoni mal-Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar dwar din id-deċiżjoni u l-effett li ser tħalli. Il-Ministru wieġeb li huwa ma jistax jintervjeni u ta parir lill-Kunsill jappella mid-deċiżjoni billi jirrikorri għall-mekkaniżmu stabbilit fil-liġi.

5.19.5. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill qabel li għandu jressaq appell mid-deċiżjoni.

### 5.20.1. Tisbiħ tal-parkeġġ fl-Għadira (P/5/8/G)(A/6/7/5)

5.20.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li l-parkeġġ illi għadu kemm ġie nawgurat fl-Għadira jiġi msebbaħ u mdellel billi jintramgħaw kannizzati bi pjanti addattati li. Hija wriet impressjoni artistika tal-proposta mressqa. Minħabba n-nefqa kapitali li tinvolvi din l-inizjattiva, hija ipproponiet li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Infrastructure Malta, u l-Awtorità tal-Artijiet.

5.20.3. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li minbarra l-ispiża inizjali, il-proġett jirrikjedi manutenzjoni kontinwa, li ċertament se taqa' fuq il-Kunsill, billi qed tintalab d-devoluzzjoni tal-parkeġġ.

5.20.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-ideja titqajjem mal-entitajiet indikati u għaldaqstant talab lill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar tgħaddi l-grafika murija waqt is-seduta.

### 5.21.1. *Savings Our Blue Campaign* (T/6/1/Vol IV)

5.21.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-korrispondenza datata 24 ta' April 2021 mill-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima, u l-Ippjanar fejn għarrfu li bħala parti mill-kampanja msemmija ser jsiru *clean-ups* fil-postijiet segwenti:

| | |
|---|---|
| 8 ta' Ġunju | Tnedija tal-kampanja u tindif fl-Għadira |
| 14 ta' Lulju | Tindif f'Għajn Tuffieħa |
| 28 ta' Lulju | Jum Dinji għall-Konservazzjoni tan-Natura u tindif fl-Armier |

5.21.3. Il-Kunsill innota d-dati mogħtija.

### 5.22.1. Faċilitajiet ta' ħatt/tagħbija fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)

5.22.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għal imejl datat 28 ta' Mejju 2021 dwar talba li tinvolvi l-allokazzjoni tal-faċilitajiet imsemmija bejn Misraħ tas-Salib u Triq iż-Żnuber.

5.22.3. Il-Kunsill approva t-talba billi jeżistu numru ta' negozji fil-parti ndikata.

### 5.23.1. Tqegħid ta' *dog bins* (L/5/Vol II)

5.23.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar indikat il-ħtieġa ta' *dog bins* fi Triq Tas-Salib katuniera ma' Triq iż-Żnuber; fi Triq il-Mellieħa kantuniera mat-triq il-twassal għall-ġibjun tal-Manikata; u fit-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar bejn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Triq il-Marfa.

5.23.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.24.1. Kontroll tal-klieb fuq il-Moll tat-Tunnara (T/3/2/Vol XVI)

5.24.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċenna għall-ħtieġa li ssir tabella bil-kliem *"Keep Dog on Leash"* fil-post indikat.

5.24.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.25.1. Tħaddir ta' ħajt fi Triq Lewis Wettinger (P/4/33)

5.25.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li ħajt tal-franka li jżomm Triq il-Modd bil-faċċata tiegħu tħare fuq Triq Lewis Wettinger, jiġi mħaddar permezz ta' pjanti li jxebilku minn qsari li jitqiegħdu fejn hemm il-puġġaman. Jeħtieġ li kemm l-ħajt tal-franka kif ukoll il-

ħajt tal-ġagazza ssir manutenzjoni fuqu. Hija ssuġġeriet li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li dan il-proġett jiġi ffinanzjat mid-Development Planning Fund amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.25.3. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li huwa mhux kontra l-proposta *per se'*, iżda minn naħa l-oħra irid jitqies l-ammont ta' attenzjoni u spejjeż li dawn it-tip ta' proġetti jeħtieġu. Anke jekk jinġieb il-finanzjament inizjali għalihom, eventwalment jżidu l-ispejjeż rikorrenti, filwaqt li jekk jiġu traskurati, il-kritika taqa' fuq il-Kunsill.

5.25.4. Il-Kunsill iddeċieda li qabel isiru stimi ta' din l-inizjattiva, għandha tiġi mistħarġa l-possibiltà li l-finanzjament meħtieġ huwiex eliġibbli għall-fondi tad-DPF..

## 5.26.1. Barrier fi Triq Franġisk Zahra k/m Triq San Ġużepp (T/3/2/Vol XVI)

5.15.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li fil-post indikat spiss qed jitilgħu l-vetturi fuq il-bankina bir-riżultat li ssir ħsara fil-katusi tal-ilma tax-xita. Huwa għaldaqstant ippropona li ssir *U-barrier.*

5.15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-proposta hija teknikament possibbli.

## 5.27.1. Lampa (W089) fi Triq San Luqa k/m Triq il-Parroċċa (T/3/2/Vol XVI)

5.27.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li lampa qadima għandha tinbidel ma' waħda ornamentali biex tiġi pariġġ dawn li saru fi Triq il-Parroċċa u fil-misraħ.

5.27.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li ftit metri bogħod, mal-kantuniera l-oħra, kienet saret waħda ornamentali, iżda bi żvista l-lampa (W089) li saret referenza għaliha fil-minuta preċedenti, jidher li tħalliet.

5.27.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-lampa W089 tista' tiġi spusstjata eżatt fin-nofs bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa sabiex id-dawl ikun imqassam aħjar.

5.27.5. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntratt mal-proprjetarju sabiex jinkiseb il-kunsens tiegħu qabel tiġi spusstjata l-lampa skont il-minuta 5.27.4.

## 5.28.1. Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa u toroq tal-madwar (P/4/3/Vol IV)(P/4/29)

5.28.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għal-laqgħa li saret mal-Kunsill fil-Ministeru tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur li saret fid-19 ta' April 2021. Huwa qal li dan il-proġett jolqot diversi nteressi u jkun iktar f'loku li ssir konsultazzjoni pubblika.

5.28.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini wieġbet li fil-fatt il-Ministeru diġa qed jiltaqa mal-istakeholders kollha bħalma huma l-Arċipriet, is-soċjetajiet mużikali, il-grupp tal-armar tal-Festa; eċċ. Saru wkoll żewġ laqgħat għar-residenti fis-sala tal-Kunsill.

5.28.4. Is-Sindku D. Vella ssuġġerixxa li jekk hemm xi punti, dawn jitqajmu f'laqgħa oħra li ser issir mal-Ministru C. Bartolo.

## 5.29.1. Ingombru ta' taraġ pubbliku bejn Triq l-Għaqda u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

5.29.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li t-taraġ imsemmi reġa' infetaħ għall-pubbliku wara li pressjoni li saret mill-Kunsill.

5.29.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

## 5.30.1. Materji li jolqtu t-traffiku (T/3/2/Vol XVI)

5.30.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni għal tabella STOP nieqsa fi Triq Adenau ma' Triq Dun Franġisk Sciberras, kif ukoll mera nieqsa fi Triq Tal-Prajjet faċċata tat-triq tal-

Wied Ta' Rdum. Is-Sur Micallef staqsa wkoll dwar jekk kienx hemm progress dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jitrazzan sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin.

5.30.3. Filwaqt li ttieħdet nota dwar l-ewwel żewġ punti, is-Sindku D. Vella fakkar, li fis-seduta Nru. 24 tas-16 ta' Marzu 2021, kien ġie deċiż li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex isiru *bollards* flessibbli fejn Triq il-Qortin tiltaqgħa ma' Triq il-Gardell u Triq il-Birwina. Apparti dan, Triq il-Qortin qed tiġi trattata bħala parti mill-proġett *Slow Streets*. Il-perit inkarigat minn dan il-proġett mistenni li jitlob laqgħa mal-Kunsill kollu bil-għan jiddiskuti l-proposti li ser jiġu trattati fih.

5.30.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir mera fi Triq il-Marfa, faċċata tal-ħruġ mill-*Caravan Site* tal-Għadira, peress li s-sewwieqa qed ikollhom joħorġu ħafna 'l barra biex jaraw it-traffiku li jkun sejjer fid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa.

5.30.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.30.4 u għaldaqstant ġie deċiż li għandha ssir talba lill-Transport Malta, peress li Triq il-Marfa hija waħda arterjali.

## 5.31.1. Xogħlijiet f'Dawret it-Tunnara (T/4/7/Vol III)

5.31.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-parti ta' Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill. Aċċenna għall-ħajt li sar bil-blokki mar-rampa li tagħti mit-triq għas-*slipway*, illi jidher għoli wisq, tant li estetikament mhux daqshekk aċċettabbli.

5.31.3. Is-Sindku D. Vella qal li l-ħajt li jifred bejn il-baħar u r-rampa nżamm fl-istess livell ta' dak tat-triq, bil-għan li jkun jista' jilqa' l-baħar qawwi.

5.31.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Infrastructure Malta dwar il-fattur imsemmi.

## 5.32.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol XVI)

5.32.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 24 ta' Mejju 2021 fejn operatur ta' neġozju li jinsab fil-parti bejn Triq Franġisk Zahra u Triq Sant' Elena talab li jingħataw il-faċilitajiet imsemmija b'mod temporanju, peress li quddiemu għaddej żvilupp estensiv li ser jieħu fit-tul. Għal din ir-raġuni qed ikun diffiċli li jipparkjaw il-vettura tagħhom biex iħottu u jgħabbu kif kien qabel.

5.32.3. Minkejja li fil-qrib mhemmx negozji oħra, il-Kunsill qabel li għandu jirrakkomanda lill-Transport Malta sabiex jingħataw faċilitajiet fuq bażi temporanja.

## 5.33.1. Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (K/11)

5.33.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 15 ta' April 2021, mibgħut mill-ME, CFS & Fibromyalgia Alliance Malta fejn il-Kunsill ġie mistieden ifakkar dan il-Jum billi jixtegħelu binjiet bil-kulur vjola fil-12 ta' Mejju 2021. Appell simili sar fir-rigward tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm fl-14 ta' Ġunju 2021, miċ- Ċentru tal-Għoti tad-Demm ta' Gwardamanġa tramite l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, permezz ta' imejl datat 26 ta' April 2021. Fil-każ tal-aħħar id-dwal jridu jinxtegħlu bejn l-1 u 14 ta' Ġunju. Hija għarrfet lil Kunsill li saru arranġamenti sabiex il-bini f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa u l-monument fi Triq Qasam Barrani jiddawwlu bil-kuluri msemmija.

5.33.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti li saru.

## 5.34.1. Attivajiet għall-anzjani (A/1/1/Vol II)

5.34.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 29 ta' April 2021 mibgħut mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità fejn intqal li għadha kemm ġiet ifformulata proċedura għaċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva bil-għan li titkattar il-koperazzjoni mal-Kunsilli f'dak li jirrigwarda s-servizz provdut lill-anzjani fil-komunità. Għaldaqstant, id-

Dipartiment ser jagħti aċċess għaċ-ċentru għall-Anzjanità Attiva lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku u lill-kunsillier responsabbli mill-anzjani tal-lokalità.

5.34.3. Il-Kunsill iddeċieda li minħabba r-responsabilitajiet assenjati lill-Kunsillier A. Brincat, dan l-inkarigu għandu jingħata lilha u tirrapporta lura lill-Kunsill. Ittra ta' awtorizzazzjoni għandha titbagħat f'dan is-sens.

### 5.35.1. Ħajt perikoluż fi Triq il-Biedja k/m Triq ir-Raħħala (D/3/1/Vol V)

5.35.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li tinbena filata oħra fuq ħajt eżistenti fil-post indikat, peress li huwa perikoluż b'żewġ filati biss.

5.35.3. Ittieħdet nota sabiex issir żjara fuq il-post.

### 6.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg, li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti 1/2021 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186) li tinvolvi l-estensjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita eżistenti fi Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna;**

**Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat skont ir-rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni tas-16 ta' April 2021;**

**Billi l-ispiża tal-offerta preferuta tammonta għal €75,183 (bil-VAT inkluża) mhemmx provdut fondi biżżejjed għaliha fl-Estimi Finanzjarji 2021 taħt il-vot 7512, il-Kunsill jirriżolvi li jsir *virement* ta' €25,000 mill-vot 7517 dwar il-proġett ta' Triq l-Inkurunazzjoni;**

**Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li l-kuntratt dwar l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet imsemmija għandu jiġi ffirmat mal-offerent Carmelo Galea Contractors Ltd, billi fil-proposta tagħhom kienu kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta, bl-inqas spiża.". (T/4/12/Vol II)**

6.2. Il-mozzjoni għaddiet unanimament wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 1/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-Iżvilupp ta' *Green Infrastructure Solution*, tħawwil ta' siġar fil-Park tal-Familja, b'mezzi li ma jikkawżawx dannu lill-ambjent, zvilupp ta' Ġnien tal-Komunità fi Ġnien il-Qighan, flimkien ma' Sessjonijiet Edukattivi, b'rabta mal-proġett MAGF/4/005;**

**Billi sar rapport tekniku mill-perit inkarigat mill-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2021, u evalwazzjoni mis-Kumitat tal-Evalwaturi tat-tliet offerti li saru, skont rapport datat 4 ta' Mejju 2020; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2021 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7534 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Miżura 4 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent is-Sur Carmelo Attard, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.". (P/10/34)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

### 8.1. Sejħa għall-istimi MLC 2/2021 – Ħolqien ta' *mobile app* intiża biex tippromwovi u tispjega s-sinifikat ta' postijiet ta' interess fil-lokalità (P/10/38)

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa għalqet fis-27 ta' April 2021 u r-rispons għaliha, kien kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Offerta Finanzjarja (mingħajr il-V.A.T.)** |
|---|---|
| Yama Yami Ltd | €19,900 |
| App-Raiser | €9,720 |
| Codevlabs | €69,500 |
| Webee Ltd | €7,900 |

8.3. F'dan l-istadju, il-Kunsill ikkonferma li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni, kif maħtur fis-Seduta Nru. 1 tal-4 ta' Lulju 2019, ikun magħmul mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, wara li dawn iddikjaraw li m'għandhomx konflitt ta' interess.

8.4. Il-Kunsill qabel li għandha titqabbad persuna kwalifikata f'dan il-qasam sabiex tagħmel rapport tekniku dwar is-sottomissjonijiet li saru.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Mejju 2021.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-9 ta' April u s-17 ta' Mejju 2021.

9.5. Tressqet ukoll skeda ta infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-2 ta' April u l-10 ta Mejju 2021.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u_l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:30 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**